# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 15/2024

**Data tal-laqgħa:** 16 ta' April, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Skużati

| | |
|---|---|
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



ML FD

# MINUTI

## 15.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

15.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsiilera Loranna Bonniċi li kienet tinsab assenti mil-laqgħa minħabba raġunijiet mediċi ( ċertifikat anness)

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 12

15.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 13 u 14 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mil-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-sindku wassal kommunikat rigward il-gallarija tal-binja tal-Kunsill Lokali li għandha bżonn ta' manutenzjoni.

15.3.1.1 Il-Kunsill qabel li jiġi evalwat l-istat ta' din il-gallarija u ssir il-manutenzzjoni meħtieġa.

15.3.2 Kien hemm kommunikat mis-Sindku biex flimkien il-Kunsill jiddeċiedi liema triq ħa tiġi mnadfa meta ssir il-Clean Up Day u kif ħa jitqassmu l-fondi.

15.3.2.1 Ġie deċiż li t-triq tkun Triq il-Madonna tad-Dawl u l-fondi jitqassmu fuq l-għaqdiet, għodda, skips u affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' manutenzzjoni u ġbir ta' skart.

15.3.3 Waslet ukoll komunikazzjoni fuq l-Irkottafest fejn is-Sindku qasam mal-membri f'hiex ħa jkun jikkonsisti l-program ta' dakinhar fothom kultura u għana minn bosta artisti, kordinatur fuq il-post u li anke ħa jieħdu sehem il-'Pageant Group' lokali .



mz FD

15.3.4 Nhar il-11 u 12 ta' Mejju intalab biex il-Kunsill jixgħel id-dwal fuq il-Kuluri blu u vjola b'turija ta' solidarjeta' mal - Fibromyalgia u l- ME. Fuq dan kien hemm qbil anonimu.

15.3.5 Kommunikat ieħor li kien hemm huwa li mill-Kunisll tal-Arti ħa jingħataw €3000 lill-Kunsill ta' Ħal Kirkop biex ikunu ta' sostenn għall-attivita ta' Ġieh u Jum Ħal-Kirkop.

15.3.6 Is-Sindku wassal kommunikat li meta kien hemm il-laqgħa mal- IM rigward Vjal Kulħadd il-perit filpjanta meta ġie għal-bokka tax-xelter għamel bħal binja ta'Kamra żgħira u dan il-Kunsill ma qabil magħha għax il post huwa sensitiv ħafna fejn il-Knisja u bħala dehra ma tġix adegwata.

15.3.6.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li għad-dħul ikun hemm forma ta' manhole u din ġiet milqugħa mil-membri kollha preżenti.

15.3.7 L-ANSEK waslet kommunikat rigward servizzi li jistgħu jibdew jingħataw mill-Kunsill fosthom ħlas ta' kontijiet tad-dawl, ġbir ta' ID cards u posta.

15.3.7.1 Il-membri sostnew li peress li l-Kunsill limitat fil-ħaddiema amministrattivi dawn is-servizzi ma jistgħux jiġu offruti kollha mill-kunsill.

15.3.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li forsi ġbir tal-Karta tal-Identita' jista' jsir.

15.3.7.3 Ma' dan il-Viċi Sindku Bernice Caruana ssuġġerit ukoll li jkun hemm il-Kunsilliera stess li joffru s-servizz tagħhom biex dawn is-servizzi jkunu jistgħu jingħataw.

15.3.7.4 Kienu alternattivi u suġġerimenti tajbin iżda dawn mhux vijabbli peress li membri tal-kunsill ma jistgħux jagħmlu xogħol amministrattiv.

15.3.8 Is-Sinkdu wassal kommunikat li wara li ttranġa part mid- dawl fi Pjazza Żerniq instab li l-inverter ma kienx qed jaħdem ghax inħaraq u l-Kunsill kien qed jitlef minn dan l-investiment. Għalhekk ippropona biex jinxtara inverter ħalli ikompli jiġi iġġenerat id-dawl mil-Panelli. Ma' dan il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 15.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

15.4.1 F'dan l-istadju l-Kunsilleri ma' kellhom l-ebda mistoqsijiet li riedu jkunu mwieġba.



FP

m

## 15.5 Wirja Presepji - IrkottaFest

15.5.1 Is-Sindku wassal kommunikat li dawk il-parteċipanti li ħadu sehem fil- kors tal-Presepji xtaqu li waqt Irkottafest jagħmlu wirja bix-xogħol tagħhom. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

## 15.6 Organiżatur IrkottaFest

15.6.1. Is-Sindku wassal kommunikat li organiżżatur li kien ta' sehmu f'Irkottafest preċedenti ried jerġa' jofri s-servizz tiegħu.

15.6.1.1 Wara li l-membri ddiskutu u ġie evalwat li ħafna mis-servizzi qed isiru diġa minn bosta membri tal-kunsill stess; ħa jiġi offrut lil din il-persuna li tati tliet servizzi mil-lista li ppropona; li huma kommunikat fuq stands, il-mappa u li jkun preżenti għall-attivita għal-prezz ta' €250.

## 15.7 Attivitajiet Kulturali għar-Residenti

15.7.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana li għandha taħtha id-Dekastura tal-Kultura ħadet l-inizjattiva li tlesti lista ta' attivitajiet fejn residenti Koppin ħa jibda jkollhom attivatijiet ta' ħruġ li joffru kemm l-aspett Kulturali kif ukoll ta' divertiment.

15.7.2 Ġiet ukoll diskussa l-inizjattiva ta' tombla, forsi ma ssirx kull xahar biex ma tafetwax il-każini li huma wkoll jagħmlu din l-attivita' imma ssir marbuta ma' xi avvenimenti oħra.

## 15.8. Kmamar ġewwa l-Klabb tal-Boċċi

15.8.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi permezz ta' imejl waslet ix-xewqa jekk jistax il-Peagant Group juża kamra milli hemm ġewwa l-Klabb tal-Boċċi bħala maħżen fejn jintrefgħu kostumi u affarijiet oħra.

15.8.2 F'dan l-istadju l-membri qablu li peress li l-Klabb tal-Boċċi jaqa' taħt l-entita' ta' SportMalta għandu jinstab il-kuntratt tal-Klabb tal-Boċċi u jiġi deċiż jekk hemmx bżonn xi forma ta' approvazzjoni.



FD

ML

## 15.9 Tender Latrina

15.9.1 Peress li kien bosta membri tal-Kunsill li ġew avviċinati fuq interess għal-Letrina Pubblika, il-membri ddeċidew li toħroġ sejħa għal Stima.

15.9.1.1 Fost kriterji oħra, is-sejħa ħa tkun tinkludi wkoll li l-kuntratt isir għal sena u jekk ħa tapplika xi għaqda jew grupp dan irid ikollu rappreżentant fejn ħa jidher huwa/hija f'isem dik l-għaqda jew grupp u l-kuntratt ikun jorbot lilu/ lilha personali u mhux l-għaqda jew grupp.

## 15.10 Skemi

15.10.1 Fuq proposta tas-Sindku Matthew Agius Zammit li ġiet ssekodnata mil-Viċi Sindku Benrice Caruana ġie mressaq li l-Kunsill japplika għak dawn l-iskemi:

- SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026
- SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- SPI.SCI.07.2025 -Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-Kunsillera kollha.

## 15.11 Slow Streets and Tactical Urbanism

15.11.1 Is-Sindku Matthew Agius ZaAmmit wassal kommunikat li Il-Kunsill Reġjonali tal-Punent qed joffri fond totali ta' €50,000 biex jappoġġja lill-kunsilli lokali fihom jimplimentaw elementi tal-Istudju tagħhom dwar it-Toroq Bil-mod u/jew jintroduċu Inizjattivi ta' Urbaniżmu Tattiku. biex itejbu l-ispazji pubbliċi u jippromwovu t-trasport attiv. Dan il-finanzjament għandu l-għan li jappoġġja proġetti li jtejbu l-ġestjoni tat-traffiku, itejbu s-sikurezza fit-toroq u joħolqu spazji pubbliċi vibranti. Kull Unisll huwa eliġibbli għall- €10,000.

15.11.2 Fuq qbil unanimu l-kunisll qabel li japplika għal din l-iskema



MZ FP

## 15.12 Rapport ta' Lmenti

15.12.1 Il-Kunsiller Joseph Schembri wassal kommunikat li qed ikun hemm bosta lmenti fuq it-tindif tas-sala; li qed titħallha maħmuġa u li hemm bżonn tindifa sostanzajali tagħha.

15.12.1.1 Ħa jkun hemm kommunikat mal-persuna responsabbli biex isir tindif xieraq, adegwat u f'ħinu.

15.12.2 Rigward il-preżentatur ta' Ġieh u Jum Ħal Kirkop kien hemm xi ftit diżgwid fost is-Sindku Matthew Agius Zammit u l-Viċi Sindku Bernice Caruana , għalkemm dawn qablu li dawn għandhom ikunu mir-raħal il-mod ta' kif sar il-kommunikat ma' kienx wieħed adegwat.

15.11.2.1 Il-Persuni li ntgħażlu biex ikunu preżentaturi huma Cody Galea u Kylie Borg Duca.

15.12.3 Il-Kunsillera Ritienne Caruana waslet suġġeriment illi meta jkun hemm xi attivitajiet għaddejjin ix-xogħol jitqassam iktar u jkun hemm iktar kommunikat bejn il-membri biex jiġu nvoluti iktar.

15.12.4 Ilment li wasal għand is-Sindku kien rigward bosta parkeġġi fosthom fi Triq il-Karwija, Triq iż-Żebbiegħ, Triq Santu Rokku u Triq Salvu Sacco li huma tal-muturi iżda li mhux immarkati hekk. Ħa jsir kommunikat mal-Koptasin biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

15.12.5 Ilment ieħor kien rigward l-isip ta' fejn il-Klinika għaliex fejn qiegħed ma jistawx jaċċessaw il-bakina min ikun b'siġġu bir-roti. Għaldaqstant ħa jiġi mmexxi biex jitneħħa dan l-ostaklu.

15.2.6 Quddiem il-Każin ta' San Anard tinstab ħofra imdaqsa. Il-Kunsill qabel li jintefgħu 4 krieret siment biex din tiġi temporanjamnet irranġatha.

15.2.7 L-Ilment li kien hemm fis-seduta preċedenti rigward li ż-żibel kien qed jinġabar kmieni iktar milli suppost, ġiet solvuta 'l għaliex issa qed jgħaddi darbtejn u anke biddel ir-rotta. Dan seta' jiġi osservat mis-servizz ta' DataTrack li joffri r-Reġjun.

## 15.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

15.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 161 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.



mz

15.13..2 Il-Kunsilller Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 161 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 15.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

15.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju, 2025 fil-17:00hrs.

15.14.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45.

**Mozzjoni Ref:** 42 /25/10

**Mozzjoni:** mresqa mis-Sindku Matthew Agius Zammit u li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku Bernice Caruana , rigwrad l-iskemi maħruġa minn dan id-Direttoratfosthom:

- SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026
- SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- SPI.SCI.07.2025 -Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 16 ta' April, 2025

Franklan Debono
**Deputat Sgretarju Eżekuttiv**



MZ FD

**Mozzjoni Ref:** 43/25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 13 u 14

| **Proponent** | **Sekondant** |
| --- | --- |
| Matthew Agius Zammit | Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' April , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



mz FD

**Mozzjoni Ref:** 44/25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 161 tiġi approvata.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 t'April , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**